MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Numru 349/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**vs**

**CHRISTOPHER SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Sammut ta’ 34 sena iben Emanuel u Josephine xebba Ellul mwieled L-Italja nhar 14 ta’ Jannar 1972 u residenti “Samvel” Triq A. Preca, Lija, detentur tal-karta ta’ l-identita 538772M gie akkuzat talli:

**a)** Fil-lejl ta’ bejn il-15 ta’ Settembru 2005 u 16 ta’ Settembru 2005 f’San Giljan Paceville, ikkommetta serq ta’ somma ta’ flus minn fond “Bell Language Center”

sitwat fi Triq Elija Zammit liema serq hu kwalifikat bil-hin u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda anqas minn elf lira maltin u li sar ghad detriment ta’ l-istess diretturi ta’ Bell Language Centre; **(Art 261, 267 u 271g)**

**b)** talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment tad-diretturi ta’ Bell Language Centre;**(Art 325 1 b)**

**c)** u aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;**(Art 334)**

**d)** finalment akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta’ artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok SV3 u nnutat li l-imputat Christopher Sammut m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza a), tal-akkuza b) u tal-akkuza d) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-

akkuza a), tal-akkuza b) u tal-akkuza d) migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-akkuza c) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza a) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza c) migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni u Dr. Edward Gatt ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta’ abbuz mid-droga u konsegwentement umilment talbu li l-Qorti tikkunsidra l-possibilita’ li l-imputat jitpogga taht Ordni ta’ Probation sabiex ikun assistit jgheleb din il-problema.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 325(b), 17, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Christopher Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza a), tal-akkuza b) u tal-akkuza d) migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, inkwantu ghall-akkuz a), l-akkuza b) u l-akkuza d) migjuba kontra l-imsemmi imputat Christopher Sammut tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Christopher Sammut taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema ta’ abbuz mid-droga.

Nkwantu ghall-akkuza c) migjuba kontra l-imputat Christopher Sammut, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti

tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza c) migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Christopher Sammut.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Christopher Sammut kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Christopher Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------